MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2003

Avvi$Z Numru. 259/2002/1

**Carmelino sive Lino Dimech**

**vs**

**Brian u Annabelle konjugi Stafrace**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat is-16 t'April tas-sena 2002 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu ikkundannati:**

**1. Ihallsu lill-attur is-somma ta' elf u sitt mitt Lira Maltin (LM1,600.00,0) rapprezentanti bilanc minn somma akbar lilhom mislufa permezz ta' skrittura privata datata t-23 ta' Ottubru tas-sena 2001,**

**li vera fotokopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok "A";**

**2. Bl-ispejjez kollha u imghax legali sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata s-27 ta' Settembru tas-sena 2002 li permezz taghha l-konvenuti eccepew is-segwenti:**

**1. Illi t-talba tal-atturi ghandha tigi michuda peress illi l-eccipjenti hallsu dak kollu li kellhom ihallsu lill-attur u dak li qed jigi mitlub huwa biss l-imghax fuq is-somma li originarjament kienet mislufa lill-esponenti, liema imghax l-attur ikkalkolah b'rata li tmur ferm oltre dik stabbilita mill-ligi;**

**2. Salv eccezzjonijiet ohra;**

**3. Bl-ispejjez;**

**Rat in-nota ta' l-attur datata l-15 ta' Mejju tas-sena 2003 li permezz taghha irriduca t-talba ghall-sitt mitt Lira Maltin, (LM600.00,0) filwaqt li zamm ferm it-talba ghall-imghax legali fuq dan l-ammont kif ridott flimkien mal-kap ta' l-ispejjez, oltre l-imghaxijiet legali mit-28 ta' Gunju ta' l-1999 a skaletta;**

**Rat ukoll n-nota tal-konvenuti datata wkoll il-15 ta' Mejju tas-sena 2003 li permezz taghha ammettew it-talbiet kif ridotti mill-istess attur;**

**In vista ta' l-ammissjoni tal-konvenuti din il-qorti tilqa' t-talbiet ta' l-attur kif ridotti u konsegwentement:**

**1. Tiddikjara lill-konvenuti Brian u Annabelle Stafrace debituri ta' l-attur Carmelino sive Lino Dimech fl-ammont ta' sitt mitt Lira Maltin, (LM600.00,0);**

**2. Tikkundanna lill-istess konvenuti fuq imsemmija biex ihallsu lill-attur fuq indikat l-ammont minnhom stess ammess ta' sitt mitt Lira Maltin, (LM600.00,0);**

**3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti mid-data tas-sentenza odjerna skond il-ligi.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------